MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 211/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Diego Grixti**
**Allan Pace**
**-- *omissis* --**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' att ta' citazzjoni kontra **Diego Grixti** ta' 21 sena, bin Henry u Frances nee` Pirotta mwieled Pieta` fl-20 ta' Novembru 1985, detendur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 590685(M), **Allan Pace** ta' 18 sena, bin George u Mary nee` Cefai imwieled Pieta` fit-2 ta' Marzu 1988, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 120488(M), u Curtis Bakush ta' 17 sena bin Ali u Jane nee` Zammit imwieled Pieta` fl-28 ta' Lulju 1989, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 340689(M), talli:

1. fl-10 ta’ Frar 2007 u/jew fil-granet ta’ wara din id-data mill-hanut bl-isem ‘E Camilleri Ironmongery’ sitwat fi Triq l-Ifran, Valletta, ikkommettew serq ta’ flus kontanti, diversi ghodda u oggetti ohra ghad-dannu ta’ George Cutajar, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-hin;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess George Cutajar, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix-il hames mitt lira Maltin (Lm500);

4. lil Allan Pace wahdu, talli fl-istess data u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet ta’ l-Artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqu b’sentenza datata 18 ta’ Lulju 2005 moghtija mill-Magistrat Dott. C Scerri Herrera LL.D.;

5. lil Diego Grixti wahdu talli fid-19 ta’ Frar 2007 ghall-habta ta’ l-10.00 ta’ filghaxija fl-Ghassa tal-Pulizija fil-Belt Valletta, attakka jew ghamel resistenza bi vjoelnza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 372 Jurgen Vella, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi fl-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti;

6. lil Diego Grixti wahdu talli fl-istess data u cirkostanzi, kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 372 Jurgen Vella skond kif iccertifika Dr David Fenech MD tac-centru tas-sahha tal-Furjana;

7. lil Diego Grxti wahdu talli fl-istess data u cirkostanzi, hedded bil-fomm lil PC 372 Jurgen Vella, persuna

nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

8. lil Diego Grixti wahdu talli fl-istess data u cirkostanzi, gab ruhu b’mod li kkagunha lil PC 372 Jurgen Vella biza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu meta kien jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil PC 372 Jurgen Vella hekk jibza’, bi ksur ta’ l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. lil Diego Grixti wahdu talli fl-istess data u cirkostanzi, m’obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ PC 372 Jurgen Vella, jew ma halliehx jew fixklu fil-qadi ta’ dmirijietu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu billi ma halliehx jaghmel dak li bil-ligi kien ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li kien qed jaghmel skond il-ligi;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Gunju, 2008 li permezz taghha dik il-qorti:

a. iddikjarat is-seba’ u d-disa’ imputazzjonijiet preskritti, u ghalhekk illiberat lil Diego Grixti minnhom;
b. astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni peress li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni;
c. illiberat lil Diego Grixti mit-tmien imputazzjoni;
d. sabet lil **Diego Grixti** hati skond l-ewwel, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjoni u kkundannatu sentejn u nofs prigunerija;
e. sabet lil **Allan Pace** hati skond l-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjoni u kkundannatu sentejn prigunerija; u
f. sabet lil Curtis Bakoush hati skond l-ewwel u tielet imputazzjoni u kkundannatu sena prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Allan Pace, minnu prezentat fis-7 ta’ Lulju 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma

taghha kwantu ghall-piena; rat ukoll ir-rikors ta' appell ta' Diego Grixti, minnu prezentat fl-4 ta' Lulju 2008 li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2008; ikkunsidrat:

Hawnhekk ghandna l-appell ta' tnejn biss mit-tliet persuni misjuba hatja – Curtis Bakoush ma appellax. Din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra l-appell ta' Diego Grixti. Dan l-appellant beda biex jeccepixxi n-nullita` tas-sentenza appellata, izda din l-eccezzjoni giet irtirata fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2008. Mill-bqija dan l-appellant jillanja li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin "tal-provi u tal-fatti", u li ma kienx hemm provi "sufficjenti sabiex iwasslu ghas-sejbien ta' htija" fil-konfront tieghu. Grixti jilmenta wkoll fuq il-piena, li hu jqis li hi eccessiva.

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax – u din l-osservazzjoni, s'intendi, tapplika wkoll meta wiehed jigi biex jikkunsidra l-appell ta' Pace – il-mod dilettantesk li bih tmexxiet il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz. Hekk, per ezempju, minkejja li (korrettement) inghatat l-imputazzjoni, alternattiva ghal dik ta' serq, ta' ricettazzjoni, ma sar lanqas l-icken sforz da parti tal-prosekuzzjoni biex jigi assigurat li l-oggetti li identifika fil-qorti Emmanuel Cassar bhala li kienu fost dawk li insterqu mill-hanut tieghu u ta' George Cutajar gimgha qabel, jigu stmati jew, ghall-anqas, fotografati[1]. Huwa minnu li fl-okkorrenza – ara fol. 58 – jinghad li dana Cassar identifika, fil-Ghassa tal-Pulizija, diversi oggetti (hemm mal-hmistax-il oggett imsemmi) minn fost dawk li kellu fil-basket l-appellant Grixti, pero` dik l-okkorrenza, in kwantu tirrispekkja dak li qed ighid min irredigiha (u cioe` ufficjal tal-pulizija) tammonta, fir-rigward ta' dak li talvolta seta' qal Cassar, ghal *hearsay evidence*. Fil-Qorti Cassar jidher li gharaf biss tlett oggetti. In fatti, fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2007 (fol. 60 *et seq.*) id-diskors jirrizulta li kien dan:

[1] L-Ispettur Alfred Mallia jghid li l-oggetti misjuba fil-pussess ta' Diego Grixti gew fotografati – fol. 15 tal-atti – izda anke jekk dawn gew fotografati, dawn ir-ritratti baqghu ma gewx ezibiti.

**Pros: Issa, ha nurik xi haga, ha tara jekk taghrafx xi haga minnu.**

**Qorti: Ix-xhud qieghed jigi muri r-refurtiva[2] li nstabet u giet ezibita llum u mmarkata bhala Dok. AM2[3], u gharaf xi whud mill-ezibiti.**

**Xhud: Iva, tlieta biss.**

**Qorti: Dawk li gharaft minnhom, semmejt xi haga fuq xi pets [recte: prezz], x'voldieri? X'ridt tghid biha?**

**Xhud: Ghax gharaft il-kitba tieghi.**

**Qorti: Jigifieri fuq l-oggetti li hemm, hemm il-prezz ta' kemm jinbiegh, u ktibthom inti l-prezzijiet, b'hekk gharafthom.**

**Xhud: U l-marka wkoll, mill-marka.**

Dan u dan biss jirrizulta mill-atti fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-oggetti. Kif inghad, la saret stima tal-oggetti identifikati u lanqas ma gew dawn fotografati – ir-ritratti li hemm ezibiti a fol. 103A huma ritratti tal-intern tal-post, cioe` l-hanut tal-ferramenta, li gie misruq, u li gew mehuda fil-gurnata li sar ir-rapport dwar is-serqa mill-hanut, cioe` fit-12 ta' Frar 2007.

Mela, apparti li mill-atti jirrizulta li Cassar gharaf biss tlieta minn tant oggetti li nstrequ f'xi zmien bejn is-7.00 am tal-10 ta' Frar 2007[4] (meta George Cutajar mar pogga xi haga fil-hanut u rega' ghalaq ghax kienet il-festa ta' San Pawl) u meta nfetah l-istess hanut fit-12 ta' Frar 2007, anqas jista' jinghad li hemm xi prova sodisfacenti li

[2] Il-kwalifika, da parti tal-ewwel qorti, tal-oggetti li kienu qed jintwerew, bhala "refurtiva" kienet kjarament kwalifika zbaljata f'dana l-istadju. Oggetti jsiru "refurtiva" jekk jigu identifikati bhala li gejjin minn serq, u sa dana l-istadju x-xhud kien ghadu ma qal xejn. L-ewwel qorti kellha tirreferi ghal dawk l-oggetti semplicement bhala ezibiti jew, di piu`, l-oggetti li kienu nstabu fil-pussess ta' Diego Grixti.

[3] Dawn fil-fatt kienu gew ezibiti bhala Dok. AM1 – ara fol. 15 – mill-Ispettur Alfred Mallia.

[4] Ara l-okkorrenza a fol. 53 – ghax anqas meta s-sidien l-ahhar li kienu raw il-post intatt ma jirrizulta minn xi deposizzjoni!

tikkonnetti lil Grixti mas-serqa. Il-fatt biss li xi oggetti minn dawk li nsterqu nstabu fil-pussess tieghu gimgha wara, ma hix, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, prova lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li kien Grixti li kkommetta s-serqa, wisq anqas serqa bil-kwalifiki kif indikati fl-ewwel imputazzjoni. Ta' minn jinnota li mid-deskrizzjoni tal-oggetti li kellu fil-pussess tieghu dan Grixti – ara kopja tal-ircevuta a fol. 50 – jidher li dawna kienu kollha oggetti idoneji biex wiehed jikkommetti serqa bihom, u ghalhekk kollox aktar jindika li kienu fil-pussess tieghu biex dak inhar stess, cioe` fid-19 ta' Frar 2007, huwa jikkommetti xi serqa. Minn dawn l-oggetti gew identifikati, kif inghad, tlieta biss bhala li gejjin mis-serqa meritu ta' l-ewwel imputazzjoni.

Pero` fil-fehma tal-Qorti hemm provi sodisfacenti li jwasslu ghar-reat ta' ricettazzjoni – it-tieni imputazzjoni li, korrettement, l-ewwel qorti astjeniet milli tippronunzja ruhha dwarha peress li din l-imputazzjoni kienet "alternattiva" ghall-ewwel wahda (ara, a propositu, is-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Frar 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mary Vella**, u s-sentenzi hemm imsemmija, dwar il-possibilita` li din il-Qorti, cioe` l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, issib htija fir-rigward tal-imputazzjoni "alternattiva" flok l-imputazzjoni li dwarha l-ewwel qorti tkun sabet htija). Apparti minn hekk, illum, bl-introduzzjoni tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 476 tal-Kodici Kriminali bl-Att III tal-2002, persuna akkuzata ta' serq tista' tinstab hatja ta' approprjazzjoni indebita jew ta' ricettazzjoni (u vice versa). Ma hemmx dubbju li din ir-regola, bhar-regoli msemmija fis-subartikoli (2), (3) u (4) tal-Artikolu 467 tal-imsemmi Kodici, tapplika mhux biss ghall-proceduri solenni quddiem il-Qorti Kriminali, izda anke ghall-proceduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk, din il-Qorti ser issib lil Grixti hati ta' ricettazzjoni; izda, peress li l-valur tal-oggetti ricettati ma giex stabbilit, din il-Qorti ser ikollha timxi, ghall-finijiet ta' piena, fuq l-anqas valur possibbli u cioe` dak kontemplat fil-proviso tal-Artkolu 285 tal-Kodici Krminali. Minbarra dan, hemm prova sodisfacenti tal-hames u s-sitt imputazzjoni – dawn jirrizultaw pruvati bid-deposizzjoni mhux kontestata ta' PC372 Jurgen Vella (fol. 89 *et seq.*),

u bic-certifikat mediku ezibit u konfermat bl-affidavit tat-Tabib Dott. David Fenech (fol. 31).

Kwantu ghall-piena, ser ikun hemm, naturalment, ridimensjonament fil-piena in vista ta’ dak kollu li nghad hawn fuq. Din il-Qorti, frankament, tqis ferm aktar serju r-reat ta’ attakk u rezistenza ta’ ufficjal pubbliku – il-hames imputazzjoni – milli dak ta’ ricettazzjoni, u huwa proprju minhabba dan ir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali li hi tal-fehma li Grixti jimmerita piena karcerarja b’effett immedjat. Huwa ghal kollox inaccettabbli li ufficjal tal-pulizija jigi aggredit waqt li qed jaghmel prekwisizzjoni fuq il-persuna arrestata fuq suspett ragjonevoli li din tkun ikkommettiet reat – tali perkwisizzjoni hija parti integrali mill-esekuzzjoni tal-ligi dwar l-arrest – ara l-Artikoli 355X u 355AF tal-Kap. 9.

Nigu issa ghal Allan Pace. Dan ukoll jilmenta li huwa nstab hati hazin fuq il-fatti. Bhal fil-kaz ta’ Grixti, din il-Qorti hi tal-fehma li ma hemmx prova sodisfacenti li dana Pace kien b’xi mod involut fis-serqa meritu ta’ l-ewwel imputazzjoni. U anqas hi sodisfatta li hemm provi li a bazi taghhom jista’ jinstab hati ta’ ricettazzjoni. L-oggetti ricettati nstabu fil-pussess ta’ Grixti, u ma hemm xejn x’jindika li qabel ma Pace, Grixti u Bakush gew imwaqqfa u arrestati mill-pulizija, l-imsemi Pace kien jaf x’kien fih il-basket li kellu Grixti. Kif tajjeb osservat l-abbili difensur ta’ Pace, l-ewwel informazzjoni li kellhom il-pulizija kienet li kien hemm persuna wahda – li wara rrizulta li kien Bakoush – li kienet qed tagixxi b’mod suspettuz, u ghalhekk hija plawsibbli t-tezi li t-tlieta li huma ltaqghu kazwalment. Ghalkemm l-Ispettur Carmelo Magri, fid-deposizzjoni tieghu a fol. 18 *et seq*., donnu jaghti x’jifhem li t-tliet persuni arrestati qalu li l-oggetti li kien hemm fil-basket kienu sabuhom go *skip*, din id-deposizzjoni il-Qorti tara li ma tantx tista’ toqghod fuqha peress li dana x-xhud ma gharafx jiddistingwi bejn l-interrogatorju ta’ suspettat u ta’ iehor – tefa’ lit-tlieta f’keffa wahda u jitkellem fil-plural – “…kienu indikawli li kienu sabuhom go *skip*.” Aktar tard fid-deposizzjoni tieghu, pero`, donnu jaghti x’jifhem li kien Bakoush biss li qal dak il-kliem. Sinjifikanti wkoll huwa l-fatt li ghalkemm it-tlett suspettati gew interrogati mill-

Ispetturi Mallia u Magri flimkien, kien l-ispettur Magri biss li semma dan id-diskors dwar l-i*skip*. Kollox ma kollox din il-Qorti tara li, fir-rigward ta' Pace, il-provi ma jwasslux sal-grad li trid il-ligi.

Ghall-motivi premessi:

1. tilqa' l-appell ta' Allan Pace, u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din sabet lill-imsemmi Allan Pace hati skond l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni, kif ukoll fejn ikkundannatu sentejn prigunerija, u minflok tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'mod ghalhekk li qed tillibera lil Allan Pace minn kull imputazzjoni, htija u piena; u
2. tilqa' l-appell ta' Diego Grixti limitatament kif gej, u cioe` billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din sabet lill-imsemmi Diego Grixti hati skond l-ewwel u skond it-tielet imputazzjoni, u minflok issibu hati skond it-tieni imputazzjoni, b'dan li l-valur tal-oggetti ma kienx izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin ewro centezmu (Euro 23.29); thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu huwa gie kkundannat sentejn u nofs prigunerija; tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija fir-rigward tieghu (cioe` fejn sabitu hati skond il-hames u s-sitt imputazzjoni); u minflok dik il-piena, wara li rat l-Artikoli 334(a), 285, 96(a), 221(1) u 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-imsemmi Diego Grixti ghall-piena ta' hames xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------